MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1185/1999/1

**V.A.B. Company Limited**

**v.**

**Maria Isabella sive Marisa Turkdogan**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Mejju, 1999 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` attrici ppremettiet illi

fit-tmienja (8) ta' Mejju, 1997 il-partijiet kienu iffirmaw "management agreement" (Dok. A), li permezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat l-inakrigu sabiex tamministra l-post "Jumbo Lido" ghall-perjodu ta' sitt snin; illi l-konvenuta kienet hallset is-somma ta' erbghin elf lira (LM40,000) dak inhar illi giet iffirmata l-imsemmija skrittura rappresentanti hlas ghall-perjodu Mejju 1997 sa Mejju 1999; illi l-konvenuta kienet obbligat ruhha illi thallas is-somma ta' ghoxrin elf lira (LM20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem ghall-erba' snin rimanenti; illi l-ewwel pagament ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), ghall-perjodu Mejju 1999 sa Mejju 2000, kien dovut fit-8 ta' Mejju 1999, skond kif jirrizulta mill-istess imesmmija skirttura; illi flimkien mal-ghoxrin elf lira (LM20,000) il-konvenuta trid thallas ukoll it-taxxa tal-VAT, bir-rata ta''15%, ammontanti ghalhekk ghas-somma ta' tlett elef lira (LM3,000); illi l-konvenuta giet interpellata biex thallas, din xorta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u, fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1) taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u

2) tikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM23,000, li minnhom LM3,000 huma VAT, dovuti lis-socjeta` attrici a bazi ta' l-iskrittura privata datata 8 ta' Mejju 1997 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mit-8 ta' Mejju 1999 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni presentat kontestwalment mal-presenti u Lm20 tal-konsulta kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

B'digriet tat-18 ta' Gunju, 1999 il-konvenuta nghatat il-fakolta tikkontesta t-talba billi tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fi zien ghoxrin gurnata.

B'nota tas-6 ta' Lulju, 1999 il-konvenuta eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok fl-assenza ta’ zewgha l-gudizzju mhux integru;

2. Illi fit-tieni lok l-ebda kera ma hu dovut mill-konvenuta billi l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jsewwu l-attrezzaturi tal-fond biex dan jkun komodament utilizabbli mill-konvenuta ghall-iskop li inkera.

3. Illi fl-ahharnett l-konvenuta qiegheda tirrizerva d-dritt taghha ghad-danni minhabba l-inadempjenza ta’ l-atturi.

Fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru, 1999 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta billi rrizulta li bejn il-konjugi Turkdogan kien hemm ir-regim tas-separazzjoni dei beni.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-28 ta’ Frar, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghat it-talbiet attrici u konsegwentement ikkundannat lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM23,000) li minnhom tlett elef lira Maltin (LM3,000) huma V.A.T. dovuti lis-socjeta` attrici a bazi ta’ l-iskrittura privata datata 8 ta’ Mejju 1997 u dana bl-imghax legali kalkolabbli mit-8 ta’ Mejju 1999 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuta.

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza imsemmija u ghalhekk b’rikors intavolat fit-12 ta’ April, 2002 interponiet appell lil din il-Qorti fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez.

L-aggravji tal-konvenuta appellanti huma indirizzati lejn zewg aspetti tal-kwestjoni u cioe` dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi qed jinghad li din ma hijiex dovuta u dwar

l-obbligi assunti mill-attur bil-kuntratt mertu ta' din il-kawza fejn qed jigi sottomess li bin-natura tal-ftehim, kien jispetta lis-socjeta` attrici li tikkonsenja u zzomm l-fond in kwistjoni idoneju sabiex jintuza ghall-iskopijiet tal-kuntratt.

Ikun utili hawn li tigi riportata dik il-parti tas-sentenza fejn tinsab gabra tal-provi rizultanti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li ghamlet dik il-Qorti biex waslet ghad-decizjoni fuq riportata.

"**A. <u>L-azzjoni attrici</u>**

"Illi fil-kawza odjerna s-socjeta` attrici, sid il-fond bl-isem "Jumbo Lido", iffirmat "*Management agreement"* fit-8 ta' Mejju 1997 mal-konvenuta li nghatat d-dritt illi tamministra l-fond imsemmi allegatament versu l-hlas ta' LM20,000 fis-sena pagabbli bil-quddiem. Mal-firma ta' din l-iskrittura l-konvenuta hallset is-somma ta'LM40,000 rappresentanti l-kumpens ghas-snin 1997-1999. Illi f'Mejju 1999, skond l-istess skrittura, il-konvenuta kellha thallas is-somma ta' LM20,000 rappresentanti kumpens ghas-sena Mejju 1999 sa Mejju 2000. Illi apparti dan l-ammont, is-socjeta` attrici qed tippretendi l-ammont ta' LM3,000 rappresentanti t-taxxa tal-V.A.T. fuq l-LM20,000 kumpens. Fil-fatt fin-nota taghha s-socjeta` attrici spjegat li fin-1999 kienet tnehhiet it-taxxa tas-CET u kienet regghet dahlet fis-sehh it-taxxa tal-V.A.T., u b'hekk il-konvenuta – skond l-istess socjeta` - saret responsabbli illi thallas ukoll is-somma ta' LM3,000. Illi l-konvenuta ghalkemm interpellata naqset milli thallas u b'hekk kellha ssir din il-kawza.

"**B. <u>L-eccezzjonijiet tal-konvenuta</u>**

"Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet li l-ebda kera ma hu dovut mill-konvenuta billi l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jsewwu l-attrezzaturi tal-fond biex dan ikun komodament utilizzabli mill-konvenuta ghall-iskop li nkera.

"Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta **Marisa Turkdogan** qalet li hija ma taqbilx ma' l-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici. Fl-ewwel lok hi ma taqbilx ma l-ammont imsemmi. Il-ftehim kien li l-"manager" kellu jhallas kirja jew "fee" ta'

LM18,500 fis-sena, oltre s-somma ta’ LM1,500 bhala deposit ghad-dawl u l-ilma jekk ma jithallsux il-kontijet relattivi. Dan l-izball skond ix-xhud jirrizulta anki meta wiehed jaqra l-ftehim separat. Kwindi hi tikkontendi li l-ammont dovut kull sena *semmai* hi ta’ LM18,500 *piu’* d-differenza fuq l-ispejjez imsemmija fil-kuntratt. Fir-rigward ta’ l-ammont tal-VAT mitlub qed issostni li dan mhux dovut billi l-ammont fuq il-kuntratt jinkludi taxxa fuq il-valur mizjud. Il-kumpannija attrici ma tistax titlob hlas ta’ VAT ghax il-prezz fuq il-ftehim huwa prezz finali u jinkludi taxxa li tista’ qatt tkun dovuta.

“Inoltre qalet illi s-socjeta` attrici naqqset li thallas il-licenzji tal-pulizija sa mill-1993 u l-posizzjoni ssanat ruhha biss wara li hija pprotestat ruhha dwar is-sitwazzjoni. Fl-1998 is-socjeta` attrici hallset il-licenzji sal-1997 u minn dakinhar il-licenzji qed jithallsu minnha. Kwindi hi qed tinsisti li l-kumpannija attrici naqset mill-obbligu taghha li thallas il-licenzji (LM120 fis-sena) mehtiega biex jigi operat il-Lido.

“Il-konvenuta kompliet illi meta hadet il-“*management*” tal-lido dan ma kienx adebit kif imiss tant li ma kien hemm xejn jahdem – anki jekk Frank Fenech kien assikuraha verbalment bil-kuntrarju. Ghalhekk fil-bidu l-operazzjoni tal-post kienet limitata peress li hija kellha taghmel hafna xogholijiet biex iggib il-post f’kundizzjoni li jkun jista’ jilqa’ il-klijentela. Dawn ix-xogholijiet damu madwar xahrejn pero` minhabba li wara it-22 ta’ Awissu bdiet taghmel hafna xita kellhom jieqfu joperaw. Hija lmentat diversi drabi mas-Sur Fenech dwar l-istat tal-lido. Illi permezz t’ittra tal-14 ta’ Ottubru 1997 huwa allegatament ammetta xi affarijiet pero` qatt ma accetta l-posizzjoni kif kienet. Huwa ghamel offerta ta’ tmien mitt lira ghas-saldu ta’ dawn l-affarijiet pero` ma accettatx.

“Matul ix-Xitwa 1997-1998 ghamlu preparattivi kbar biex jifthu fl-1 ta’ April 1998 izda fl-ahhar gimgha ta’ Marzu kien hemm maltempata kbira hafna li kaxkret kollox il-bahar u regghu baqghu b’xejn u tilfu s-Sajf. Dakinhar marret issib lil Frank Fenech li mar ukoll fuq il-post u tant il-kundizzjoni kienet hazina li ma setghux jidhlu u raw mit-triq. Huwa

qalilha li l-ghadha stess kien ser jibghat ta’ l-in*surance.* L-ghada mar xi hadd mill-*insurance* li ha xi noti u ritratti u qalilha li kien se jiehu hsieb il-*claim.* Izda l-*insurance* baqghet qatt ma hallset xejn tal-hsarat. Anzi imbaghad kienu qalulhom biex jaghmlu t-tiswijiet kollha u skond l-ircevuti jirrifonduhom. Pero` l-konvenuta spjegat li wara li kienet harget dawk il-flus kollha ma kienitx f’posizzjoni li tohrog aktar flus u ma setghetx taghmel it-tiswijiet. Il-hsarat huma kollha dokumentati u rawhom l-*engineer* Cuschieri u l-Perit Camilleri. Tul l-1999 ma sar xejn ghalkemm qalet lil Fenech diversi drabi biex jaghmel ix-xogholijiet. Huma ltaqghu diversi drabi anke “*on site*” mat-tifel tieghu l-avukat Peter Fenech li dejjem insista dwar pagamenti li skond hi mhumiex dovuti.

“**<u>C.  Xhieda prodotti</u>**

“Il-konvenuta tellghet bhala xhud taghha lil **Frank Fenech.** Huwa qal illi huwa qed jitlob l-ammont skond il-kuntratt u li fl-istess kuntratt m’hemm l-ebda taxxa msemmija. Huwa xhed li fin-1997 il-Jumbo Lido kien jintuza regolari. Huwa spjega li dan jaghlaq f’Novembru u jerga jiftah f’Gunju u dan jigri kull sena. Dan kien zgur hekk ghall-erba’/hames snin konsekuttivi. Huma kienu joperaw b’mod regolari bil-kotba u b’kollox. Rigward il-permessi hu qal li kienu nsew ihallsu permess minnhom imma l-ohrajn cioe` ta’ l-imwejjed kienu mhallsa. Huwa ma qabilx li meta l-konvenuta hadet il-post kellha taghmel diversi xogholijiet stante li l-post kien jahdem 100% u l-makkinarju kien gdid, kollox mixtri mill-Catering Centre. Huwa gie anki mistoqsi fuq il-maltempata. Skond hu l-konvenuta naqset milli taghlaq il-bieb bil-bricks, kif qalilha diversi drabi biex taghmel, u kien ghalhekk li r-rih grigal tefaghlhom il-bieb gewwa u ghamlilhom il-hsara. Din il-hsara ma kientix fil-bini imma kienet fil-kcina fejn kien hemm xi ilma u affarijiet maqlubin. Rigward l-*insurance* xehed li hu c-Chairman ta’ l-assigurazzjoni li hija nxurjata maghha l-konvenuta. Huwa kien il-persuna li kellha tiehu hsieb l-*insurance* u fil-fatt il-*claim* ghadha miftuha minhabba li sa llum m’ ezebewx il-karti biex jithallsu ta’ l-*nsurance.*

“Xehed ukoll **Tony Castelletti**, impjegat ma missier il-konvenuta ghal dawn l-ahhar tlett snin. Xogholu huwa General Manager ta’ Lukanda. Huwa spjega li f’Marzu/April 1998 missierha talbu biex imur jara il-Jumbo Lido forsi jkun jista’ jghinhom ihadmuh. Meta mar sab kollox miksur, dawl ma kienx jahdem, wires maqlughin ecc., u dan peress li kien hemm xi maltempata. Huwa tahom il-parir biex ma jmissu xejn fid-dawl u fl-apparat li kien hemm minhabba li kienu xxarrbu bl-ilma bahar. Hu qal li kien anki mar mal-konvenuta jkellem lis-Sur Fenech biex jirrangaw is-sitwazzjoni u dan kien talabhom stimi. Ix-xhud qal li hu kien gab xi stimi li ghadda kopja taghhom lill-konvenuta kif ukoll lis-Sur Fenech. In kontro-ezami qal illi l-istimi li rnexxielu jgib huwa ghaddihom lill-*insurance.* Pero` rigward stimi ohra li ma waslux ma jistax ighid.

“**Charles Cuschieri,** prodott ukoll mill-konvenuta, xehed li huwa *engineer* li gie mqabbad mis-Sur Castelletti ghan-nom ta’ Marisa Turkdogan f’April 2000 sabiex jaghmel *survey* ta’ l-istallazzjonijiet ta’ l-elettriku, l-*plumbing* u gas kif ukoll l-*equipment* li hemm gol-Jumbo Lido. Huwa pproduca rapport li pprometta li kellu jibghat kopja tieghu fi zmien gimgha lil Dr. Refalo sabiex jesebih.

“Minn naha tieghu **Frank Fenech** xehed li huwa Chairman tal-kumpanija VAB Company Limited li ghandha c-cens tal-proprjeta` maghrufa bhala Jumbo Lido. Huwa spjega li fit-8 ta’ Mejju 1997 il-kumpanija dahlet f’*management agreement* mal-konvenuta sabiex tmexxi l-istabbiliment imsemmi. Hi kellha thallas LM40,000 fuq il-kuntratt u s-somma ta’ LM20,000 flimkien mal-VAT fuq dan l-ammont, kull sena ta’ tmexxija. Il-konvenuta ma hallsitx il-*management fee* ghas-sena 8 ta’ Mejju 1999/2000 u b’hekk kellu jiftah din il-kawza, kif ghamel ghas-sena precedenti u ghal dik li ghada ma thallsitx ghas-sena 2001/2002. Hu qal li qabel il-kawza huwa u ibnu ppruvaw jigbru l-flus u tkellmu ma’ diversi nies izda ghal xejn. Qatt ma rcieva xi ittra ghaliex ma rieditx thallas u qatt ma kien hemm ilmenti sakemm beda jinsisti li jingabar il-bilanc dovut lilhom.

"Ix-xhud spjega li kienu saru xi nkontri mal-konvenuta u anki iehor ma' zewgha fil-presenza ta' Tony Castelletti; f'liema nkontri l-ammont dovut qatt ma kien ikkontestat. Huma qalu li kien hemm hsara minhabba l-maltemp u li ghalhekk ma hadmux kif suppost u kellhom xi problemi finanzjarji, kif ukoll li ma kienux ghadhom thallsu tal-hsara li gratilhom bil-maltemp. Rigward il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hsarat qal li din tezisti u l-hsarat huma koperti. Biss sal-lum l-konvenuta ma pprezentatx rcevuti u/jew stimi ghall-hsarat li allegatament soffriet u ghalhekk il-*claim* ma gietx processata. Kull ma rcevew kienu xi tlett ircevuti ammontanti ghal elf lira meta huma qed jallegaw li d-danni kienu jammontaw ghal hames t'elef lira.

"Illi huwa kompla li l-konvenuta lmentat dwar apparat li ma kienx qed jahdem wara li pprezenta l-ewwel kawzi. Inoltre` jsostni li l-apparat fil-fond kien kollu gdid. Kien inxtara meta nfetah il-post ghall-ewwel darba, il-maggior parti minghand il-kumpanija The Catering Centre, u ghalhekk kien madwar sentejn u massimu tlett snin jahdem. Qatt ma rcieva xi rapport minghand xi hadd imqabbad mill-konvenuta sabiex jigi spjegat x'magni ma kienux qed jahdmu meta hadet il-fond f'Mejju 1997.

"Qal ukoll li fid-diskussjonijiet sussegwenti, ibnu offra minghajr pregudizzju li jaraw x'kienu dawn il-problemi f'termini ta' flus. Illi pero` qatt ma waslu biex jillikwidaw din il-hsara li allegatament kienet hemm mill-bidu ta' l-operat tal-fond mill-konvenuta.

"Inoltre xehed li meta l-post kien operat mill-familja tieghu qatt ma kellhom problemi bl-apparat li minnu qed tilmenta l-konvenuta. Kif ukoll, qabel ma hadet il-post il-konvenuta kienet rat l-apparat u ratu jahdem. "*Kien ir-ragel taghha flimkien ma' terzi persuni li jiena ma nafhomx u kienu raw kollox kif kien jahdem. Nghid li kif hadu l-post in-nies tieghi, precisament Franco Camilleri li kien responsabbli mill-kcina kien nizel fil-post biex wera lir-ragel tal-konvenuta u xi persuni ta' nazzjonalita` barranija li kienu gew mieghu kif jahdmu l-affarijiet. Dakinhar kollox hadem u ma kien hemm l-ebda ilment."*

“Fl-ewwel sena li operat il-fond kellha persuni fuq il-post li bdew jdawru kollox fil-kcina u kienu qed imissu hafna wires. Ir-ragel taghha qal lix-xhud li kienu jafu x’qed jaghmlu u l-generu tan-negozju li kienu ser jiggestixxu hekk kien jirrikjedi. Kien iddikjara wkoll li peress li kienu ser joffru ikel tork hafna mill-apparat ma kienx utili ghalihom u ghalhekk kienu qed idawru s-sistema tal-kcina. Ix-xhud inoltre qal illi ghall-kuntrarju ta’ dak iddikjarat mill-konvenuta, il-post infetah minnha kull Sajf ghas-Sajf kollu.

“Illi dwar il-VAT dahlet fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 1999. Kien ghalhekk li minn dik id-data il-quddiem kull *management fee* li tingabar skond il-ligi kellha tingabar 15% taxxa VAT u biex ikun konformi mal-ligi zieda. Dwar l-ammont ta’ LM1,500 qal li kien qed jigbor bhala parti mill-*management fee* u dan kien qed jaghmlu biex ma jsibx kontijiet mhux imhallsin. Hu ma jafx b’xi kontijiet li setghet hallset il-konvenuta u la darba ma tatux l-ircevuti, kif kienet fid-dover li taghmel, allura skond hu dawn huma dovuti lis-socjeta` attrici fl-intier taghhom.

“**L-Avukat Dottor Peter Fenech**, direttur tal-kumpanija attrici, qal li huwa kien involut fl-ahhar tat-tahdidiet li wasslu sabiex il-konvenuta tiehu t-tmexxija ta’ l-istabbiliment f’idejha. Huwa kkonferma u kkorrobora max-xhieda li ta missieru Frank Fenech. Huwa min-naha tieghu xehed is-segwenti:

“*Jiena niftakar li waqt l-iffirmar tal-kuntratt il-konvenuta ma tantx kienet tkellmet; biss ir-ragel taghha, u terza persuna li kien maghhom, dakinhar kienu ddikjaraw li kienu jafu l-makkinarju li kien hemm u li kienu anki rawh jahdem. Jien naf ukoll li sussegwentement kienu gew murija kif jahdmu l-magni kollha. Dan nafu ghaliex kont jiena stess li staqsejt dwar dan meta kienu sejrin u kont mort jiena ukoll. Il-magni kienu ntwerew lir-ragel tal-konvenuta u lil xi persuna ta’ nazzjonalita` barranija li kien gie mieghu”.*

“Anki dwar dak li gara wara l-maltempata huwa kkonferma x-xhieda ta’ missieru, cioe` li l-*claim* saret imma minhabba li l-konvenuta naqqset li tipproduci l-*invoices* u/jew stimi

kollha allura baqghet mhux konkluza. Ix-xhud ukoll isostni li l-post baqa’ jigi operat kull stagun u mhux minnu li kien hemm xi Sajf li ma nfetahx. Kif ukoll zied li s-socjeta` attrici diga’ rebhet kawza ghall-*management fee* kontra l-konvenuta f’liema kawza kienu tqajmu l-istess eccezzjonijiet.

“**Franco Camilleri** xehed li fin-1996 u 1997 kien jahdem mal-Jumbo Lido fejn kien ilu jahdem sa mill-bidu li nfetah il-post. Huwa semma xi apparat fl-affidavit tieghu li kien mixtri gdid hlief ghal haga wahda. Hu qal li l-magni lkoll kienu jahdmu meta l-post inghalaq ghax-Xitwa 1996/1997 u jaf ukoll li fix-Xitwa msemmija l-post rega’ ntuza sabiex jissajjar l-ikel ghall-ikla ciniza ghall-ammont kbir ta’ nies. Meta l-post kien gie mghoddi lill-konvenuta l-apparat kien diga’ beda jintuza’ bi prova ghall-istagun tas-Sajf li kien ser jiftah. Qal li jiftakar li xi barranin kienu jmorru spiss ikellmu lil Frank fenech u quddiemu raw l-apparat tal-kcina. Ikkonferma li meta gie mghoddi lill-konvenuta huwa kien spjega lil xi nies, jidhirlu li wiehed minnhom kien zewgha, kif jahdmu l-affarijiet.

“**D. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>**

“Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet li “*l-ebda kera ma hu dovut mill-konvenuta billi l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jsewwu l-attrezzaturi tal-fond biex dan ikun komodament utilizabbli mill-konvenuta ghall-iskop li nkera.*” Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-vertenza odjerna ma titrattax dwar kera izda fuq *Management Fee* ghall-*Management agreement* fejn it-termini u l-kundizzjonijiet ta’ l-istess tnizzlu fuq skrittura privata li hija ligi bejn il-partijiet. Din il-kawza saret ghalhekk ghall-hlas tal-*management fee* li s-socjeta` attrici qed tippretendi minghand il-konvenuta, liema termini ta’ pagament jirrizulta mill-istess skrittura privata.

“Illi fil-fatt minn ezami ta’ l-iskrittura datata 8 ta’ Mejju 1997 (Dok.A a fol. 6 et seq. tal-process) ma jirrizultax li s-socjeta` attrici assumiet xi obbligi li ghandha taghmel tajjeb ghall-hsarat illi seta’ jsofri l-apparat sitwat fil-fond in kwistjoni. Illi anki kieku kien mod iehor, ghall-grazzja ta’ l-

argument jinghad li ghalkemm il-konvenuta allegat li kien hemm xi apparat li ma kienx jahdem hi ma pprezentat l-ebda prova konvincenti dwar dan. Lanqas ir-rapport li allegatament ghamel Charles Cuschieri ma gie pprezentat u *semmai* hi inkarigatu f'April 2000 cioe` sentejn wara l-maltempata u tlett snin wara li hadet il-"Jumbo Lido" f'idejha. Inoltre jinghad ukoll li gie ppruvat min-naha tas-socjeta` attrici li l-konvenuta kienet taf f'hiex kien l-apparat fil-fond in kwistjoni. Infatti zewgha flimkien ma' ragel iehor marru diversi drabi fuq il-post u kien anki dawwarhom Franco Camilleri li spjegalhom ukoll kif kienu jahdmu l-affarijiet.

"Illi s-socjeta` attrici pprezentat diversi dokumenti sabiex tipprova t-tezi taghha li l-apparat li qed tilmenta minnu l-konvenuta kien gie mixtri gdid, fil-maggor parti tieghu, meta nfetah il-Jumbo Lido ghall-ewwel darba minghand il-kumpanija The Catering Centre. Fil-fatt dan irrizulta ampjament mill-istess dokumenti esebiti. Ukoll jinghad illi anki li kieku kien minnu li kien hemm xi apparat li ma kienx qed jahdem sew ma rrizultax li l-konvenuta lmentat mas-socjeta` attrici b'dan meta dahlet fil-post. L-ilmenti taghha bdew wara li rceviet li trid thallas il-*management fee* dovuta.

"Il-konvenuta semmiet ukoll li proprju minhabba maltempata kbira hafna fl-ahhar gimgha ta' Marzu 1998 saritilhom hafna hsara fil-post. Hi qalet li kienu ghamlu preparattivi kbar biex jifthu fil-bidu ta' April 1998 imma minhabba l-hsara ma setghux jifthu. Hi sostniet li ma kienitx f'posizzjoni li taghmel it-tiswijiet minhabba li kienet diga' nefqet hafna flus. Rigward dan hija kienet avvicinat lil Frank Fenech li fix-xhieda tieghu ammetta li kien huwa responsabbli li jaghmel il-*claim* kif fil-fatt ghamel. Biss hija qatt ma thallset xejn u dan ukoll gie kkonfermat mix-xhieda prodotti. Illi pero` rrizulta li l-konvenuta baqghet ma ppresentatx l-ircevuti u/jew stimi kollha ghall-hsarat li soffriet u kwindi l-*claim* ma setghetx tigi processata. Ma tistax allura issa l-konvenuta twahhal f'haddiehor meta kienet hi fl-ewwel lok li naqset bi traskragni li tiehu hsieb l-affarijiet taghha.

"Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta qalet illi hija ma taqbilx mal-ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici. Skond hi l-ftehim kien li l-*manager* ihallas kirja jew fee ta' LM18,500 fis-sena, oltre s-somma ta' LM1,500 bhala deposit ghad-dawl u l-ilma jekk ma jithallsux il-kontijiet relattivi. Illi fl-affidavit tieghu Frank Fenech spjega li hu minnu li l-L1,500 kien qed jigborhom bhala parti mill-*management fee* sabiex ma jsibx kontijiet mhux imhallsin. Huwa qal li l-konvenuta qatt ma tatu xi ricevuti sabiex turi li hija effettivament hallset xi kontijiet u lanqas waqt il-kors tal-proceduri odjerni hija ma ressqet tali provi u kwindi, gustament, bhalma qed issostni s-socjeta` attrici dawn ukoll huma dovuti. Illi ghalhekk din l-allegazzjoni tal-konvenuta ma gietx lanqas pruvata, u dan apparti l-fatt li l-iskrittura privata tindika b'mod car li l-pagament annwali mill-konvenuta kellu jkun ta' LM20,000 bhala *magament fee* b'effett mit-8 ta' Mejju 1999 u huwa proprju dan l-ammont li qed jigi mitlub fic-citazzjoni attrici.

"Illi fil-fatt f'dan il-kuntest japplika l-principju stabbilit bl-**Artikolu 1002 tal-Kap 16** li "*la darba l-kliem tal-konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, huwa car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni*" u la darba dan huwa l-kaz, din il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li timxi ma dak stipulat fl-istess kuntratt.

"Illi fl-ahharnett tibqa' biss il-kwistjoni tal-VAT mitluba mis-socjeta` attrici. Il-konvenuta targumenta li ma hu dovut ebda ammont ta'VAT fuq l-ammont in kwistjoni billi l-ammont fuq il-kuntratt jinkludi Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Skond hija, il-kumpannija attrici ma tistax f'dan l-istadju titlob hlas ta' VAT ghaliex il-prezz fuq il-ftehim huwa prezz finali u jinkludi kwalsiasi taxxa li tista' qatt tkun dovuta. Min-naha l-ohra s-socjeta` attrici fin-nota taghha tghid illi meta kien gie iffirmat il-ftehim fin-1997 ma kienx hemm VAT, u ghalhekk la darba l-imsemmija taxxa dahlet sussegwentement, is-socjeta` attrici hija marbuta bil-ligi illi zzomm l-imsemmija taxxa. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` attrici u b'hekk il-konvenuta ghandha tahallas ukoll l-ammont mitlub bhala V.A.T."

“Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici jirrizultaw ppruvati u ghandhom jigu milqugha."

**Ikkunsidrat.**

**Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

Fit-talba fil-parti konklusiva tar-rikors ta’ l-appell jinghad espressament li s-sentenza appellata ghandha tigi revokata u mhassra billi din il-Qorti “*tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-appellanta*”. Issa minn harsa lejn l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuta ma tirrizulta ebda eccezzjoni li tikkoncerna l-hlas tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Infatti l-unika eccezzjoni fuq il-mertu titkellem dwar in-nuqqas ta’ obbligu (da parti tal-konvenuta) li thallas il-kera “*billi l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jsewwu l-attrezzaturi tal-fond biex dan jkun komodament utilizabbili mill-konvenuta ghall-iskop tal-kera;”.*

Huwa minnu li fis-sentenza appellata l-Qorti ta’ Prim Istanza ghamlet xi konsiderazzjonijiet dwar l-ezigibilita` ta’ l-ammont reklamat bhala VAT biss din il-Qorti hija tal-fehma li tali konsiderazzjonijiet kienu superfluwi in vista ta’ l-assenza assoluta ta’ eccezzjoni fir-rigward. Dan l-aggravju ghalhekk ma jistax jigi kunsidrat.

**L-aggravju dwar il-mertu.**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li s-socjeta` attrici kienet marbuta li tikkonsenja lill-konvenuta “*post determinat li kien idoneju biex jintuza bhala lido bil-facilitajiet kollha soliti ta’ restaurant, bar u diversi servizzi*.” Inoltre qed jigi sottomess li s-socjeta` attrici kellha l-obbligu li tassikura “*li l-post jibqa’ idoneju ghall-perjodu kollu tal-kuntratt.*” U billi, skond l-appellanti, is-socjeta` attrici naqset minn dan l-obbligu, ebda pagament ma hu dovut.

Din is-sottomissjoni hija msejjsa fuq zewg argumenti:

a) Sid l-istabbiliment ghandu dejjem izomm l-fond fi stat li jiggarantixxi lill-Manager il-possibilita` li jmexxi dak in-negozju.

b) Illi n-natura tal-ftehim ghandha aktar mill-aspett ta' lokazzjoni izjed minn haga ohra u f'dan il-kaz japplika l-Artikolu 1539 tal-Kodici Civili li jimponi fuq sid il-kera li "*izomm din il-haga fi stat li wiehed jista' jaghmel minnha l-uzu li ghaliha giet mikrija.*"

Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tista' biss taghmel referenza ghal dak li gie ampjament irrilevat fis-sentenza appellata u cioe` "*li ghalkemm il-konvenuta allegat li kien hemm xi apparat li ma kienx jahdem hi ma pprezentat l-ebda prova konvincenti dwar dan.*" Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti tikkondividi pienament din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dik li hija hsara bhala konsegwenza ta' maltempata is-sottomissjoni ta' l-appellanti fis-sens li anke hawn kien jinkombi s-socjeta` attrici li tirripristina l-fond, din il-Qorti wkoll tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti u cioe` li, la darba s-socjeta` attrici kienet – kif obbligata - harget polza ta' assikurazzjoni kontra hsarat, kien jispetta lill-konvenuta li taghmel dak kollu mehtieg biex l-"claim" tigi finalizzata u b'hekk tkun tista' taghmel it-tiswijiet mehtiega li, wara kollox ma kienux gew kkawzati b'tort tas-socjeta` attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qed tichad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha filwaqt li tikkonferma fit-totalita` taghha s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------